MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Numru. 113/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**Versus**

**Matthew Carter**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontgra Matthew Carter ta’ 19-il sena, bin Malcolm James u mAria Dolores nee Camilleri, imwieled tal-Pieta’ fis-26 ta’ Novembru, 1988 u residenti numru 34 E.M. Triq Efesu, San Pawl il-Baħar uj detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 560288 (M)

Akkużat talli fil-lejl ta’ bejn it-28 u d-29 ta’ Ġunju 2008 u fl-aħħar xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gżejjer f’ħinijiet differenti:

1. Ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur ta-didspożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijeit li gġandhom x'jaqasmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2. Kellu fil-pusses tiegħu medċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijeit li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar ilp-kontroll tal-Mediżini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati **liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li jru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

**u**

3. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet li tissekwestra l-flejjes li qegħdin f'idejn terzi persuni u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma propjeta' tiegħu, sabiex ukoll il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli;

Il-Qorti ntalbet ukoll biex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess, il-ħatriet taż-żewġ esperti s-sur Godwin Sammut u s-sur Martin Bajada (fol.13), u l-proces verbal li fih l-istqarrija ġuramentata ta' Rachel Mifsud redatt mill-Maġistrat Dr.Doreen Clarke.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Rat l-istqarrija tal-imputat fejn qal li l-aħħar li kien pejjep joint kien xi ħamwes xhur ilu.  Huwa nnega li l-affarjiet li kien hemm mal-art kienu tiegħu iżda l-flus qal li kienu tiegħu. Dawn kienu parti mill-paga u kien ser jużahom fi btala ġewwa Għawdex.. Huwa nnega li kien imexxi d-droga (Fol 18).

Madankollu meta xehdet Rachel Mifsud din qalet li l-pilloli ecstasy li kellu l-imputat kienu ser ibieghhom (Fol 45). Mill-istqarrija ġuramentata jirriżulta wkoll li l-istess Rachel Mifsud fl-aħħar tliet xhur ta' qabel id-29 ta' Ġunju 2008 hija kienet xtrat l-ecstasy minn għand l-imputat.  Kienet ukoll irrakkomandat lil sħabha biex jixtru minn għandu. Hija kkonfermat li l-pilloli kienu ecstasy u li l-imputat kien joħroġhom mill-but.

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2008, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejejd biex jaħsibha.

Stante l-ammissjoni tal-imputat dan l-imputazzjonijiet kienu ppruvati skond il-Liġi.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara r-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, l-arftikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i), 120A(1B) tal-Kap 31 kif ukoll l-artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputrazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-imputat għamel ammissjoni iżda din ma saritx fil-bidu nett iżda saret wara li nstemgħu diversi xhieda importanti kif ukoll wara l-ħatriet tal-esperti u l-preżentazzjoni tal-proces-verbal.

Jidher ukoll li l-imputat kien biegħ aktar minn darba u li meta nqabad kellu ħamsin pillola fuqu..

Għaldaqstant il-Qorfti, wara li qieset dawn il-fatturi kollha qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' ħdax-il xahar kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' €700 liema multa tista' titħallas b'rata ta' mitt Ewro fix-xhar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti skond kif jiġu likwidati mir-Reġistratur.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------